**23 ta’ Awwissu**

**Tifkira ta’**

S. ROŻA TA’ LIMA, VERĠNI

Twieldet f’Lima, il-Peru’, fl-1586; sa mid-dar rawmet ruħha fil-qdusija, iżda, wara li daħlet terzjarja dumnikana, imxiet wisq aktar ‘il quddiem fit-triq tal-penitenza u l-kontemplazzjoni. Mietet fl-24 ta’ Awwissu 1617.

Mill-Komun tal-verġni ... jew tal-qaddisin nisa; għar-reliġjużi...

Talba

O Alla, inti tajt il-grazzja lil Santa Roża ta’ Lima biex titkebbes bi mħabbtek u titbiegħed mid-dinja ħalli tgħix għalik biss f’ħajja ta’ ndiema u tgħakkis; bit-talb tagħha, agħtina li, fuq din l-art, nimxu fit-triq li twassalna għall-ħajja, biex fis-sema nitgħaxxqu bil-milja ta’ mħabbtek. B’Ibnek.